MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Numru 238/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Abraham Zammit)**

**versus**

**Joseph Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Joseph Grech bin Joseph u Beneditta nee Debattista mwielda Luqa fis-11/6/1955 u residenti 87, Triq il-Gdida, Poala. ID 480655 (M)

Akkuzat talli fil-21 ta’ Dicembru 2003 ghall-habta ta’ 8:00pm gewwa l-fond 87, triq il-Gdida, Poala, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, sawwat u darrab lil Gorg Grech  li kaggunalu feriti ta’ natura gravi

skond kif icceritfika Dr. M. Mizzi mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid.

Rat l-atti tal-process inkluz ic-certifikati tat-twelid 4806/1955, il-fedina penali tieghu u l-kunsens kemm ta' l-Avukat Generali kif ukoll tal-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni.

Jirrizulta mix-xhieda tat-tabib li George Grech kellu feriti forma ta' Y fuq mohhu. Minkejja li George Grech kellu bzonn il-punti, dawn ma sarux ghaliex irrifjutahom. Mix-xhieda ta PS 1257 Carmel Ellul jirrizulta li sar *current incident report* fejn jirrizulta li kien hemm glieda bejn l-ahwa.

Meta tela' jixhed l-allegat vittma - George Grech, li jigi hu l-imputat - dan qal li huwa jahfer li huh li dan huh hafirlu u li daqqiet li kellu kienu affarijiet hfief.

**Konsiderrazzjonijet tal-Qorti**

Illi mill-ftit provi migjuba jirrizulta biss li George Grech garrab xi feriti f'wiccu li jaqghu taht l-Artiklu 216 tal-Kap 9. Izda m'hemmx prova cara bizzejjed li dawn il-griehi saru mill-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artiklu 214, 216(a), (b) tal Kap 9 qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni minhabba nuqqas ta' provi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------